MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2427/1996/1

**Saviour Caruana**

**Vs**

**Vincent Farrugia, Mario Azzopardi u Joseph Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Lulju 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur irrenda lill-konvenuti servizzi u xoghol ta' zebgha ta' mobbli;

Premess illi l-konvenuti mitluba jaddivjenu ghal-likwidazzjoni tal-hlas lilu dovuti ghas-servizzi u xoghol lilhom resi, pero` baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tillikwida dak l-ammont talvolta dovut lill-attur rapprezentanti hlas ghas-servizzi u xoghlijiet fuq imsemmija li rrenda lill-istess konvenuti okkorrendo b’ opera ta’ periti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, jew min minnhom ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Vincent Farrugia u Joseph Caruana pprezentata fit-12 ta’ Marzu 1997 li permezz taghha huma eccipew:-

Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuti ma kellhom jaghtu xejn stante li gja kienet saret il-likwidazzjoni tax-xoghol li sar u ma kien hemm l-ebda qliegh li jrid jinqasam u kull ma kellu jithallas gja thallas;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-fatti f' din il-kawza huma pjuttost semplici u certament ma kienx jisthoqqilha li tigi daqstant imtawla meta setghet tigi facilment zbrigata;

Fl-affidavit tieghu (fol. 19) l-attur jafferma illi l-konvenuti gew sub-appaltati xoghlijiet ta' zebgha, xkatlar u xoghol iehor affini minn Vassallo Builders. Ghall-precizazzjoni jidher li s-socjeta` appaltatrici kienet dik bl-isem Vassallo Joiners Ltd. Peress illi huma ma setghux ilahhqu mal-volum tax-xoghlijiet hu tqabbad jezegwixxi partijiet minnu versu l-ftehim ta' lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1.75,0) fis-siegha;

L-attur jissokta jistqarr illi huwa ghamel b' kollox kalkolu ta' tmien mija u erbgha u sebghin (874) siegha xoghol u billi rcieva hlas akkont ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija (Lm520) ippretenda li kien ghad baqalu jircievi elf u ghoxrin lira (Lm1020) cirka;

Fl-ahharnett isostni illi l-konvenut Mario Azzopardi kien ippromettielu illi malli jircievi cekk ta' elf lira (Lm1000) li kien qed jistenna minghand is-socjeta` kuntrattrici kellu jghaddih lilu;

Il-konvenut Joseph Caruana (fol. 40) mhux biss jikkorrobora din il-versjoni tal-fatti izda addirittura jikkonferma wkoll illi "l-attur lesta x-xoghol kollu li kellu jaghmel skond dan il-ftehim";

Riferibilment ghall-kwestjoni suggerita mill-attur illi l-hlas bilancjali kellu jsirlu malli s-socjeta` kuntrattrici thallas l-ahhar pagament, l-imsemmi konvenut ikkonferma illi dan il-hlas sar u c-cekk ircivieh il-konvenut l-iehor Vincent Farrugia li sarraf ic-cekk ghalkemm dan kien intestat f' isem il-konvenut l-iehor Mario Azzopardi. Effettivament konferma provanti dan il-hlas tinsab esebita a fol. 50 tal-process;

Dak li hu importanti ghall-iskop tal-kawza hi d-dikjarazzjoni tal-precitat konvenut illi huwa jaf li l-attur ma thallasx ghal dak li kellu jiehu;

Iz-zewg konvenuti l-ohra, nonostante li l-kawza giet differita bosta drabi ghall-iskop tal-provi taghhom baqghu ma dehrux u b' hekk jista' jinghad li l-versjoni attrici, hekk imsahha bid-deposizzjoni ta' wiehed mill-konvenuti, baqghet inattakkata;

Ghal dik li hi aritmetika jidher li ghan-numru ta' sighat li hadem l-attur kien intitolat ghas-somma komplessiva ta' elf hames mija u disgha u ghoxrin lira (Lm1529). Billi kif mistqarr minnu hu diga` rceva hlas ta' hames mija u ghoxrin lira (Lm520) jigi li l-bilanc dovut lilu hu ta' elf u disa' liri Maltin (Lm1009);

In-natura guridika tal-ftehim intervenut bejn l-attur u l-konvenuti jidher li hi dik ta' *"locatio operarum"* jew "kiri ta' xoghol" kif ahjar definita fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Prova ta' dan hi dik li l-attur kellu jithallas b' rata prestabbilita` bis-siegha. Dan jirrivesti l-karatteristika ta' impjieg ghal certu zmien konsiderat ix-xoghol stipulat mill-punto di vista tat-tul tieghu, fil-kwantita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghal sid. Ghad-distinzjoni bejn din il-figura guridika u l-appalt, ara ghal dak li jiswa, id-decizjoni fl-ismijiet "**John Andrea Bonnici -vs- Rev. Dun Giuseppe Cauchi *et nomine***", Appell Civili, 13 ta' Mejju 1966;

Forsi dak li jibqa' aktar importanti f' kazijiet ta' din ix-xorta hu l-fatt li min jippresta servizz hu intitolat li jithallas. Dan in omagg ghall-principju illi "*omnia labor, optat premium*".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici billi fl-ewwel lok tillikwida l-ammont bilancjali dovut lill-attur

ghax-xoghol minnu prestat lill-konvenuti fis-somma ta’ elf u disa’ liri Maltin (Lm1009);

Tilqa’ konsegwentement it-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attur is-somma fuq likwidata, bl-interessi dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------